23 ta' Frar, 1996

Imħallef:-

Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.

Adriano Cassar Galea *noe*

*versus*

Joseph Darmanin

**Ritrattazzjoni - Applikazzjoni ta' Liġi Abbrogata - Kap. 317 tal-Liġijiet ta' Malta - Att dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb**

*L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi għall-ħlas ta'* premium *ta' assikurazzjoni, liema sentenza ġiet irrevokata għaliex il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-formalitajiet ta' l-Att dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb ma ġewx osservati.*

*Fuq talba ta' ritrattazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-istess Qorti kienet injorat emenda fil-Kap. 317 introdotta bl-Att XXVIII ta' l-1994 u ċjoe' il-*Consumer Affairs Act *li kienet teskludi mill-ambitu ta' l-operazzjoni ta' l-Att 317 il-kuntratt ta' assikurazzjoni;*

*Ġiet għalhekk irrevokata s-sentenza rritrattata u deċiża mill-ġdid mill-Qorti ta' l-Appell fis-sens illi din laqgħet it-talba attriċi hekk kif kienet iddeċidiet l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Din hija kawża ta' ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fit-2 ta' Mejju, 1995, fil-kawża fl-ismijiet premessi;

Is-sentenza li qed tiġi rritrattata taqra hekk:

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż li bih l-attur *nomine* talab il-kundanna tal-konvenut biex iħallas lid-ditta assiguratriċi attriċi s-somma ta' tmienja u disgħin lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm98.80c) *premium* ta' assigurazzjoni maħruġa favur tiegħu fil-25 ta' Settembru, 1992. L-avviż ġie ppreżentat fl-4 ta' Frar, 1994;

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru, 1994, laqgħet it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-motivazzjoni tas-sentenza appellata timmerita li tiġi riprodotta, mhux biss għax b'mod konċiż tippreżenta sewwa l-fatti li rriżultaw ipprovati, imma ukoll għaliex tidentifika l-kontestazzjoni tal-konvenut appellant fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet formali;

Il-konvenut qed jissottometti li hu m'għandu jħallas xejn lill-attur billi ma kienx sar ftehim bejnu u bejn id-ditta attriċi, billi s-*salesman* tad-ditta attriċi kien qallu biex jiffirma l-*proposal form* u meta toħroġ il-*policy* jekk ma jkunx iridha, jista' jqattagħha u ma jħallas xejn. (Dan billi l-konvenut kellu polza oħra u kien ser jipprova jneħħiha biex jibda oħra ma' l-attur). Is-*salesman* kien qallu biex jiffirma l-*proposal form* biex ikun lest;

Il-konvenut ma ġabx fil-Qorti bħala xhud lil dana s-*salesman* biex jixhed u jikkorroborah fil-versjoni tiegħu, fis-sens li kien sar dan id-diskors speċifiku;

Il-Qorti ma tarax kif seta' dan is-*salesman* jagħmel proposta bħal dina li semma l-konvenut meta dak li qal il-konvenut ma jsirx u ma jistax isir. Meta wieħed jiffirma *proposal form* ifisser li dana jkun qed jaċċetta li jagħmel *insurance cover* partikolari mbagħad

sta għall-kumpannija assikuratriċi jekk taċċettax ir-riskju jew le, u meta taċċettah il-kuntratt jiġi kkonkjuż;

Il-fatt li l-konvenut ma kienx għadu ħallas il-*premium* ma jfissirx li hu ma kienx kopert. L-assikurat hu kopert minn meta jiġi aċċettat ir-riskju u toħroġ il-*policy* mill-kumpannija assikuratriċi, indipendentement mill-ħlas attwali tal-*premium*. *Meta s-salesman* biegħ l-*insurance* lill-konvenut, hu qallu kemm kien ser jiġih il-*premium*, tant hu hekk li l-konvenut kien għamel l-għażla tiegħu għas-*scale* (*Schedule of Compensation* fol. 12) u l-*capital sum insured*. Is-*salesman* kien ta lill-konvenut ir-rata. Inoltre l-*premium* ġie indikat fuq il-polza ta' l-assikurazzjoni li ntbagħtet lill-konvenut xi ġranet wara l-iffirmar tal-*proposal form* (ara dok. AG2);

Il-konvenut ma messu qatt iffirma l-*proposal form* jekk ma kienx intenzjonat li joħroġ assikurazzjoni. Imma anke jekk ħa żball, hu kellu żmien iħassar l-iżball li kien għamel billi jaġixxi tempestivament u jikkanċella kollox. Iżda meta l-konvenut irċeva l-polza, wara ftit ġranet, minflok ma ħa passi, dana ħall il-polza għax ħa parir (ara fol. 26) u m'għamel xejn (fol. 18). Jirriżulta li l-attur kien bagħat il-polza u l-kont xi ġranet wara li ġiet iffirmata l-*proposal form* u mhux xhur wara kif jikkontendi l-konvenut. Il-konvenut ma għamel xejn, lanqas meta beda jirċievi l-kontijiet għall-ħlas. Kien biss wara xi ħames xhur li beda jiċċaqqlaq. Fis-silenzju tal-konvenut l-attur kien ġustifikat li jaħseb u jikkonkludi li l-konvenut kien assikurat miegħu;

Il-konvenut qed jissottometti ukoll li f'dana l-każ tapplika l-liġi tad-*Door to Door Sales* ċjoe' il-Kap. 317 tal-Liġijiet ta' *Malta*;

Il-Qorti, wara li eżaminat il-liġi in kwistjoni, tasal għall-

konklużjoni li fil-fatt dina l-liġi ma tapplikax għal każ in *eżami* għar-raġuni segwenti. Fil-każ in kwistjoni meta s-*salesman* kellem lill-konvenut u ħajru biex jixtri assikurazzjoni u dana ffirma il-*proposal form*, il-kuntratt ma ġiex konkjuż dak il-ħin (fil-bieb), imma wara. Il-konvenut wera l-intenzjoni li jintrabat, iżda r-rabta saret, u l-kuntratt ġie konkjuż meta d-ditta assikuratriċi aċċettat ir-riskju u ħarġet il-polza;

L-appellant isostni - kif ukoll konsidrat fis-sentenza appellata - illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni personali li sar fid-dar tiegħu hu milqut bil-provvedimenti tal-Kap. 317 tal-Liġijiet ta' Malta intitolat "Att dwar Bejjiegħa Bieb b'Bieb" u ċjoe`, "li dawn il-kuntratti għandhom forma u proċedura speċjali ta' disdetta, liema proċedura ma ġietx segwita". Hu hekk jimposta l-aggravju prinċipali tiegħu:

"Meta wieħed jara l-liġi u għala saret u x'riedet tolqot u l-kliem espress tal-liġi, huwa ċar li l-liġi ma riditx li jkun hemm kuntratti fid-djar lis-*salesmen* li jmorru jħabbtu bieb bieb u ma jkunx hemm protezzjoni akbar tal-persuna li tiftaħ il-bieb u ssib *salesman*. F'dan il-każ, l-Ewwel Qorti qalet li l-kuntratt isir meta l-assigurazzjoni taċċetta. Fil-fatt ix-xerrej ikun marbut u dana skond l-istess billi jiffirma l-*proposal form* u għal din ukoll kienet meħtieġa l-proċedura li jkun hemm il-possibbilita` ta' disdetta u li b'dan id-dritt ikun informat bih (ix-xerrej)";

Jeħtieġ li l-Qorti, qabel xejn, tikkunsidra allura jekk il-Kap. 317 japplikax jew le għall-kuntratti ta' assigurazzjoni personali fiċ-ċirkostanzi li sar fil-każ in eżami. Jekk jistax, ċjoe`, il-bejgħ ta' polza ta' assigurazzjoni jikkwalifika bħala *door to door sale* fit-terminu tal-liġi meħud bħala ppruvat illi r-rappreżentant tad-ditta attriċi nnegozja l-*proposal form* li ġiet debitament approvata u

ffirmata mill-konvenut appellant fir-residenza ta' l-istess konvenut u li l-aċċettazzjoni tagħha mill-assigurazzjoni attriċi seħħet dakinhar stess meta ġiet iffirmata l-*proposal form*, naturalment pero', fl-uffiċċju tad-ditta attriċi. Infatti l-polza ta' l-assigurazzjoni ffirmata mill-*Managing Director* tad-ditta attriċi ġġib id-data tal-25 ta' Settembru, 1992, li hu l-istess jum li fih il-konvenut iffirma l-*proposal form*;

Issa hu paċifiku illi, jekk il-*proposal form* tiġi aċċettata mis-sigurta` assiguratriċi, il-polza ta' l-assigurazzjoni tibda tkun effettiva mid-data stabbilita fl-istess *proposal form* bħala d-data effettiva meta tiġi fis-seħħ. Il-*cover* jibda allura *ex tunc* u mhux *ex nunc* mid-data ta' l-aċċettazzjoni tal-*proposal form* jew mill-ħlas tal-*premium*. Hu ukoll paċifiku illi l-*proposal form* debitament iffirmata mill-assigurant hi **vinkolanti** fuqu sakemm it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza "proposta" jiġu aċċettati bla tibdil mid-ditta assiguratriċi, u sakemm ma tkunx ġiet mill-istess assigurant irtirata, pero', dan **qabel** ma tkun aċċettata mid-ditta assiguratriċi. Ma tenħtieġ allura, *l-ebda formalita` oħra da parti ta' l-assigurant biex tirrendi operattiva* l-polza. Jenħtieġ biss l-att ta' volonta` ta' l-assigurazzjoni - att unilaterali - da parti tad-ditta assiguratriċi. Hu immedjatament ċar allura li din ir-rabta vinkolanti fuq il-kompratur tirrendih vulnerabbli għal dak l-element ta' sorpriża li kontra tiegħu, il-Kap. 317 hu maħsub biex jipproteġi u jittutela lill-konsumatur;

Qari akkurat tal-Kap. 317 jipprovdi elementi posittivi ta' dritt li jissufragaw l-eċċezzjoni ta' l-appellant li polza ta' l-assikurazzjoni personali li tiġi negozjata fir-residenza ta' l-assigurant, għandu fil-liġi jitqies bħala *doorstep contract* - kuntratt magħmul fuq l-għatba tal-bieb. *Infatti*, l-istess *definizzjoni ta' doorstep contract fl-artikolu* 2 tal-liġi hu f'dawn it-termini: "Kuntratt magħmul fuq l-għatba tal-

bieb tfisser kuntratt bejn konsumatur u kummerċjant li jsir permezz ta' bejjiegħ bieb b'bieb u **tinkludi rabta unilaterali ta' konsumatur u kummerċjant** li għalih it-trattattivi li jsiru qabel kienu jinbdew f'lok ieħor li ma jkunx fond kummerċjali";

Bl-Ingliż: "*A doorstep contract means a contract between a consumer and a trader made through a door to door salesman* ***and includes a unilateral engagement by a consumer towards a trader****, negotiations for which have been initiated away from business premises*";

Hu ċar li l-*proposal form* debitament iffirmata mill-konvenut li tiddetermina bi preċiżjoni t-tip u l-estensjoni tal-*personal accident insurance* li hu kien lest li jidħol fiha, mad-ditta assiguratriċi attriċi, jekk din taċċettah, tikkwalifika bħala "rabta unilaterali minn konsumatur u kummerċjant" u tattalja eżattament ma' dan il-kunċett ġuridiku;

L-artikolu 3 tal-Kap. 317 jipprovdi li l-Att ma japplikax għal (b) kuntratti li ġew unikament innegozjati bil-miktub **li ma jkunux kuntratti magħmula fuq l-għatba tal-bieb**. Kif spjegat, il-kuntratt ta' assigurazzjoni li fih daħal il-konvenut u fiċ-ċirkostanzi li daħal fih, ikkwalifikah bħala kuntratt magħmul fuq l-għatba tal-bieb. Konferma oħra li l-att kien intiż biex ikopri sitwazzjonijiet simili u kuntratti ta' assigurazzjoni toħroġ b'mod ċar mis-subinċiż (ġ) ta l-istess artikolu li jipprovdi li l-provvedimenti ta' l-Att ma japplikawx għal (ġ) kuntratti għall-għoti ta' **servizzi** jew xogħlijiet **ħlief kuntratti li jipprovdu għall-assigurazzjoni**. A *contrario senso* allura, l-liġi qed tgħid li l-provvedimenti ta' l-Att japplikaw għall-kuntratti ta' assigurazzjoni, u dana bla kwalifika, u allura jinkludu

kuntratti ta' assigurazzjoni personali bħal dak taħt eżami;

Stabbilit li l-appellant hu korrett fis-sottomissjoni tiegħu illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni personali meritu tal-kawża hu rregolat bil-provvedimenti tal-Kap. 317, hi naturali l-konklużjoni illi l-validita` tiegħu tiddependi mill-osservanza ta' dawk il-formalitajiet li tesiġi l-liġi għall-protezzjoni tal-konsumatur. Il-liġi infatti tipprospetta żewġ tipi ta' nullitajiet;

Fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 5 hu pprovdut illi "kull kuntratt magħmul fuq l-għatba ta' bieb li jsir ma', jew permezz ta' bejjiegħ, bieb b'bieb li ma jkollux liċenzja valida skon dan l-Att, **ikun null**". Din in-nullita`, pero`, hija relattiva u tista' tiġi biss issollevata **mill-konsumatur** fi żmien stabbilit. "Iżda, din in-nullita` m'għandhiex tiġi mressqa mill-konsumatur wara għeluq il-perijodu ta' xahar minn meta l-prodott li għalih jirreferi l-kuntratt ikun ġie kkunsinnat lilu. U **m'għandhiex** titressaq, bħala eċċezzjoni, mill-bejjiegħ bieb b'bieb ..." Naturalment it-terminu, fil-każ in eżami, kien ilu li skada u l-appellant mhux jinvoka din in-nullita`;

Qed jinvoka għall-kuntrarju, in-nullita` kkontemplata fl-artikoli 6 u 7 ta' l-istess Att. L-artikolu 6 jipprovdi li:

"**Ebda** kuntratt magħmul fuq l-għatba tal-bieb li jsir minn jew permezz ta' bejjiegħ bieb b'bieb ma **għandu jkun validu, ħlief** meta dan isir bi skrittura privata **li tkun tista' tiġi kkanċellata** kif ipprovdut bl-artikolu 8 ta' dan l-Att";

Is-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu jesiġi illi "**għandha** titwaħħal ma' l-iskrittura privata li tinżamm mill-konsumatur **formola ta' kanċellament**";

L-artikolu 7 jelenka x'għandu jkun fiha l-iskrittura privata u dana taħt **piena ta' nullita'**;

"L-iskrittura privata għandha, taħt piena ta' nullita', tinkludi:

(ħ) klawsola li turi li l-iskrittura privata m'għandhiex tkun torbot jekk din tkun ikkanċellata *skond ma hu indikat* bl-artikolu 8 ta' dan l-Att";

L-artikolu 8 jipprovdi mbagħad il-mod kif *doorstep contract* jista' jiġi kkanċellat;

Mhux ikkontestat illi waqt li l-*proposal form*, li biha l-konvenut ikkommetta ruħu fir-rigward tad-ditta assiguratriċi attriċi saret bil-miktub, ma ġewx segwiti l-formalitajiet fuq elenkati u oħrajn li l-liġi tesiġi *ad validitatem* f'din il-kwalita' ta' negozju. Il-konsegwenza legali hi li l-iskrittura hi nulla u dak li hu null ma' jista' qatt jipproduċi l-ebda effett. *Quod nullum est, nullum producit effectum*;

Il-Qorti ma tarax sostenibbli s-sottomissjoni ta' l-attur appellat illi n-nullita' pprospettata fl-artikoli 6 u 7 hija waħda relattiva u tista' biss tiġi ssollevata mix-xerrej konvenut. Hi nullita' oġġettiva li tattakka l-validita' ta' l-iskrittura u tirrendiha bla ebda effett fil-liġi. Tista' tiġi allura ssollevata minn kull parti interessata, in kwantu l-iskrittura tkun karenti mill-elementi essenzjali għall-forma tagħha. Ma tibqx allura daqstant faċilment aċċettabbli s-sottomissjoni illi, nonostante dan in-nuqqas ta' rekwiżiti u *sine qua non* għall-validita' ta' l-iskrittura, il-konvenut xorta ken kopert b'assigurazzjoni. Dan hu punt dibattibbli li pero' jesorbita mit-termini ta' dan l-appell u jkun jimmerita konsiderazzjoni approfondita jekk jinqala' l-każ.

Ir-risposta għal dan il-kweżit pero`, bl-ebda mod ma taffettwa l-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti illi l-polza ta' assigurazzjoni personali maħruġa fiċ-ċirkostanzi taħt eżami, hi nulla u bla effett fil-liġi in kwantu ma ġewx osservati d-dettami tal-Kap. 317 li kien għaliha applikabbli;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiċħad it-talba ta' l-attur *nomine* kontra l-konvenut;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, stante n-novita` tal-meritu, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

Permezz ta' petizzjoni ppreżentata fl-24 ta' Mejju, 1995, l-attur Adriano Cassar Galea *nomine* talab ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawża;

A skans ta' ħafna delungamenti, din il-Qorti ser tgħid mill-ewwel li se takkolji t-talba għar-ritrattazzjoni u ser tirrevoka s-sentenza li taħtha qed tintalab ir-ritrattazzjoni fuq il-bażi li ser jingħad:

Jekk wieħed jeżamina s-sentenza appellata, jsib li, apparti l-kwistjoni ta' jekk *salesman* kienx jeħtieġ liċenzja jew le, li għall-fini tal-vertenza odjerna hu xi ftit jew wisq irrilevanti, jidher illi l-Ewwel Qorti bbażat kollox fuq l-artikolu 3 (ġ) tal-Kap. 317 li *inter alia* jistipula illi "dan l-Att ma japplikax għal (ġ) kuntratti dwar l-għoti ta' servizzi jew xogħlijiet **ħlief kuntratti li jipprovdu għal assikurazzjoni**";

Kif sewwa ġie sottomess mir-ritrattanti, dan l-artikolu ġie

emendat sostanzjalment bl-Att XXVIII ta' l-1994, ċjoe` l-*Consumers Affairs Act* li, fl-artikolu 45 tiegħu, emenda diversi liġijiet oħra skond l-iskeda annessa ma' l-istess Att. Fosthom ġie emendat il-Kap. 317 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoe` dak l-Att li l-Ewwel Qorti ibbażat is-sentenza fuqu, fis-sens illi mill-paragrafu 3 (ġ) tal-Kap. 317 ġew imneħħija l-kliem "**ħlief kuntratti li jipprovdu għall-assikurazzjoni**". *Inoltre, din l-emenda daħlet in vigore fl-1 ta'* Jannar, 1992, ċjoe` qabel id-data li għaliha jirreferi n-negozju oġġett tal-vertenza bejn il-kontendenti;

Dan iwassal għall-konklużjoni illi effettivament ġiet applikata għall-każ odjern disposizzjoni tal-liġi li ma kinitx għadha teżisti u li t-tneħħija tagħha, ċjoe` t-tneħħija ta' kliem sottolineat aktar 'il fuq huwa indikattiv proprju ta' l-oppost ta' dak illi kienet qed tafferma din il-Qorti fis-sentenza li qed tiġi rritrattata;

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti qed tiddisponi mit-talba għar-ritrattazzjoni *billi fl-ewwel lok fit-termini ta' l-artikolu 811* tal-Kap. 12 qiegħda qabel xejn tirrevoka s-sentenza appellata u issa ser tgħaddi biex tirritratta l-appell;

Wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet li saru għal dak li huwa meritu proprju tal-vertenza bejn il-partijiet, din il-Qorti hi tal-fehma illi in vista ta' dak li diġa` ngħad, il-konvenut ma jistax jistrieħ aktar fuq il-Kap. 317 tal-Liġijiet ta' Malta u li llum jidher ċar li anke jekk oriġinarjament kien intenzjonat li jkopri ukoll il-każijiet ta' l-assikurazzjoni, m'għadux hekk partikolarment minħabba r-remozzjoni ta' kliem mill-artikolu 3 (ċ) imsemmi. Ir-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-kontendenti għalhekk huma rregolati mil-liġi in kwantu din tapplika għall-kuntratti ta' assikurazzjoni u skond liema liġi, jekk il-*proposal form* tiġi aċċettata mis-soċjeta` assikuratriċi,

il-polza ta' l-assikurazzjoni tibda tkun effettiva mid-data stabbilita mill-istess *proposal form* bħala d-data effettiva meta tiġi fis-seħħ. F'kelma waħda l-assikurazzjoni tmur lura għad-data tal-*proposal form*;

Fil-liġi huwa ukoll paċifiku illi l-*proposal form* debitament iffirmata mill-assikurant, hi vinkolanti fuqu sakemm it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza proposta jiġu aċċettati bla tibdil mid-ditta assikuratriċi, u sakemm ma tkunx ġiet mill-istess assikurant ritirata, pero`, dejjem qabel ma tkun ġiet aċċettata mid-ditta assikuratriċi. M'hemm l-ebda formalita` oħra rikjesta biex il-polza, una volta emessa a bażi ta' *proposal form* tkun vinkolanti;

Fil-każ in diżamina jirriżulta ampjament mill-provi li l-konvenut iffirma *proposal form* li sussegwentement ġiet aċċettata mingħajr kundizzjonijiet mid-ditta assikuratriċi, kien jaf minn qabel kemm kien se jkun il-*premium*, irċieva l-polza flimkien ma' l-*invoice* tal-*premium*, u injora dan kollu bħallikieku l-fatt li kien iffirma l-*proposal form* ma kien ifisser xejn fil-liġi għalih u għal ħaddieħor;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk it-talba attriċi kienet timmerita li tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi tiddisponi finalment mit-talba għar-ritrattazzjoni billi, prevja r-revoka tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 1995, kif diġa` ngħad, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-12 ta' Diċembru, 1994 li biha kienet ġiet milqugħa t-talba attriċi bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut. L-ispejjeż ta' din l-istanza jiġu ssopportati bejn il-partijiet nofs kull wieħed, u

dan a bażi tal-prinċipju li *error judex error partis*.